MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2006

Talba Numru. 312/2006

**Dean Joseph Scriha**

**Vs**

**Ruth Mercieca Mifsud**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tal-attur li biegh il-vettura Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni PMI 405 lill-konvenuta u fejn talab lit-Tribunal jordna lill-konvenuta thallas is-somma ta' tmien mija u ghoxrin lira Maltin (Lm820), bilanc tal-prezz li ghad fadlilha thallas fuq il-vettura, flimkien mal-imghaxijiet u spejjes.

Ra li l-konvenuta giet notifikata bl-affissjoni u publikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 187 (3) tal-

Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, izda ma pprezentat l-ebda risposta ghall-avviz tal-attur.

Ra x-xhieda tal-attur li kkonferma li l-konvenuta ghandha thallsu l-bilanc ta' tmien mija u ghoxrin lira Maltin (Lm820), li ghadha ma hallsitx fuq il-vettura Peugoet li xtrat minghand l-attur.

Ra li l-konvenuta ma ressqat l-ebda provi biex tikkontesta dan il-fatt.

Ikkunsidra

Illi peress li ma tressqu l-ebda risposta u peress li l-konvenuta naqset li tipprezenta l-provi taghha sabiex tichad li dan il-bilanc ghadu dovut, it-Tribunal irid jaccetta dak konfermat mill-attur stess.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jordna lill-konvenuta thallas lill-attur s-somma ta' tmien mija u ghoxrin lira Maltin (Lm820), bilanc ta' prezz fuq il-vettura Peugeot b'numru ta' registrazzjoni PMI 405, mibjugha lilha mill-attur, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes ghall-konvenuta, flimkien ma' dawk tal-mandat ta' qbid 782/06 LM.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------